# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**

## Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Frar 2022

## Talba numru 31/2021SFJ

***Pierre Galea Musù (482567M) u David J. Pace (491562M) bħala soċji għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà ċivili "UHY Pace, Galea Musù & Co." (numru tal-VAT MT1822001300)***

***vs.***

***Deljay Holdings Limited (C19544)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> "*Illi l-atturi pprestaw servizzi ta' awditjar u servizzi ančillari lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' EUR4,720, liema somma hija ċerta, likwida u dovuta. Kopja tat-talba għall-ħlas relattiva tinsab hawn annessa bħala Dok. UHY1.*
>
> *Illi l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta bin-numru 983/2020 tas-27 ta' Mejju 2020, iżda liema ittra ġiet opposta mis-soċjetà konvenuta.*
>
> *Għaldaqstant, tgħid is-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas lill-atturi s-somma ta' Ewro 4,720 (erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro) inkluż il-VAT u/jew somma verjuri rappreżentanti servizzi ta' awditjar u servizzi ančillari reżi lis-soċjetà konvenuta.*

> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 983/2020 tas-27 ta' Mejju 2020 u tal-mandat ta' sekwestru 69/2020 fl-istess ismijiet u bl-imgħaxijiet kummerċjali legali mis-27 ta' Mejju 2020 sal-pagament effettiv. Bl-inġunzjoni tas-soċjetà konvenuta in subizzjoni."*

Ra l-varji tentattivi għan-notifika;

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-16 ta' Ġunju 2021 li fiha ġie eċċepit is-segwenti:

> "*Illi jingħad bla riżerva li t-talbiet fir-rikors promotur u kif ukoll it-talba għall-ħlas annessa mal-avviż promotur, allegatament għal servizzi reżi lis-soċjetà konvenuta, huma f'dan l-istadju kkontestati bis-sħiħ u bl-oneru tal-prova tagħhom jinkombi interament fuq is-soċjetà ċivili attriċi.*
>
> *Illi s-soċjetà ċivili attriċi għandha tindika f'dettall maġġuri l-allegati servizzi reżi, fosthom in-natura tal-istess servizzi u l-mod tal-kalkolu tad-drittijiet professjonali pretiżi għall-istess servizzi, u dan sabiex is-soċjetà konvenuta tkun tista' tirribatti għal dak allegatament mitlub kontriha, b'mod xieraq skont il-liġi.*
>
> *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'żieda mal-istess, l-ammonti pretiżi għandhom jirriżultaw mhux dovuti jew alternattivament eċċessivi fir-rispett tan-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu ppruvati bħala reżi lis-soċjetà konvenuta.*
>
> *Għaldaqstant, it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u salvi eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.*"

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Frar 2022.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Fl-affidavit tiegħu, Pierre Galea Musù kkonferma l-eżistenza u l-istruttura tas-soċjetà ċivili attriċi. Huwa qal li fis-sena 2017, ġie avviċinat minn ċertu David Jones sabiex isir xogħol ta' awditjar fir-rigward ta' diversi soċjetajiet formanti parti mill-istess grupp ta' kumpanniji. Huwa qal li s-soċjetà ċivili attriċi ġiet ingaġġata biex tagħmel l-awditjar tal-grupp tal-kumpanniji għas-sena 2016. L-ingaġġ sar tramite *engagement letter* li ġiet iffirmata fil-15 ta' Settembru 2017. Skont l-*engagement letter*, kien miftiehem li l-miżata pagabbli lis-soċjetà ċivili attriċi kienet ta' erbat elef Ewro (€4,000) mingħajr taxxa fuq il-valur miżjud. Ix-xhud qal ukoll li fil-passat, l-awditur tal-grupp tal-kumpanniji kienet il-KPMG u dawn ukoll kienu jitolbu l-istess ħlas. Qal li safejn kien jaf hu, is-soċjetà konvenuta kienet ħallset l-ammont relattiv lill-KPMG mingħajr problemi.

Ix-xhud spjega li x-xogħol tal-awditjar sar skont *standards* internazzjonali tal-awditjar u li David Jones kien kuntent bix-xogħol li sar, tant li ried jagħmel ix-xogħol għas-snin ta' wara. Saħansitra, is-soċjetà ċivili attriċi ġiet mitluba minn Jones sabiex tibda l-awditjar tas-sena 2017 u kien f'dak il-punt li bdew il-problemi. Ix-xhud qal li huwa talab depożitu biex jibda x-xogħol tas-snin segwenti (għall-grupp tal-kumpanniji kollu) flimkien ma' skeda ta' pagamenti għax-xogħol li kien diġà sar. Ix-xhud qal li huwa spjega lil Mario Azzopardi (li kien l-*accountant* ta' David Jones) li d-depożitu akkont kien neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż tal-pagi, speċjalment meta l-*audit fees* tas-sena preċedenti ma kinux tħallsu.

Pierre Galea Musù kompla jgħid li l-awditjar fuq is-soċjetà konvenuta kien komplut u ġie aċċettat u ffirmat mid-diretturi, li kienu kuntenti bix-xogħol li sar. Ġiet ippreżentata kopja u mmarkata dokument UHY3.

Wara li sar ix-xogħol, inħareġ kont ta' €4,720, skont l-*engagement letter*. Ix-xhud qal li stante li kien hemm kumplikazzjonijiet u aġġustamenti minħabba li l-*accounts* tas-soċjetà konvenuta kellhom xi żbalji, kieku ntalbet miżata skont il-ħin, il-miżata kienet tkun ogħla. Huwa qal li David Jones u l-kumpanniji tiegħu qatt ma kkontestaw il-kont relattiv (dokument UHY4). Inoltre, skont messaġġi (dokumenti UHY5 u UHY6), David Jones wiegħed li kien ser iħallas iżda kellu bżonn aktar żmien.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021 sar il-kontro-eżami ta' Pierre Galea Musù. Ix-xhud ikkonferma li kienu erba' persuni mis-soċjetà ċivili attriċi(fosthom hu) li ħadmu fuq is-servizzi pprestati lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà ċivili attriċi żammet l-istess miżata tal-awdituri preċedenti iżda qal li fl-opinjoni tiegħu, is-servizz reż minnu u min-nies tiegħu kien superjuri stante li kienu sabu li l-awdituri preċedenti wettqu xi żbalji. Huwa qal li fix-xogħol li twettaq mis-soċjetà ċivili attriċi, ġie eżaminat u kkoreġut kull komponent tal-*balance sheet*.

It-Tribunal osserva li ħlief għall-kontro-eżami ta' Pierre Galea Musù, is-soċjetà konvenuta ma ressqitx provi u ma ppreżentatx dokumenti. Matul it-trattazzjoni, is-soċjetà konvenuta argumentat li s-soċjetà ċivili attriċi ma ppruvatx il-każ tagħha sal-grad rikjest skont il-liġi stante li fl-affidavit tax-xhud Pierre Galea Musù ssemmew xi persuni li ma ttellgħux jixhdu.

It-Tribunal osserva li effettivament, Pierre Galea Musù kien l-uniku xhud f'dan il-każ. Għalhekk, mhuwiex il-każ li dan it-Tribunal irid jevalwa l-provi mressqa fil-kuntest ta' provi konfliġġenti. Pjuttost it-Tribunal irid jiddeċiedi jekk tramite d-dokumenti u tramite x-xhud li xehed, is-soċjetà ċivili attriċi ssodisfatx il-grad tal-prova applikabbli fil-kamp ċivili.

Il-provi jindikaw li huwa minnu li l-partijiet iffirmaw l-*engagement letter* (dokument UHY2 a fol. 34 *et seq.*). Is-soċjetà konvenuta ma kkontestatx dan. Lanqas ma qalet, pereżempju, li mhuwiex minnu li l-firem a fol. 41 huma tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Lanqas biss hemm xi prova li s-soċjetà konvenuta kkontestat il-miżata relattiva *a tempo vergine* jew imqar tat raġuni għala, fil-fehma tagħha, il-miżata ma kinitx dovuta jew forsi kienet eċċessiva.

Huwa ċar li s-soċjetà ċivili attriċi għamlet dak mitlub minnha u ppreżentat lit-Tribunal l-*Annual Report and Financial Statements* tas-soċjetà konvenuta għas-sena 2016 (dokument UHY3) u tat spjegazzjoni dettaljata (dokument UHY4). Dan ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà konvenuta.

Oltre dan, l-*e-mails* a fol. 54 *et seq*. ma jindikawx li r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta qatt ma qalu li l-ammont reklamat ma kienx dovut.

Anki jekk wieħed jara l-kontro-eżami li sar lil Pierre Galea Musù, faċli wieħed jinnota li l-eżitu tal-kontro-eżami kien pjuttost li jlaħħam u jipprovdi aktar dettall. Fil-fehma tat-Tribunal, żgur li x-xhud ma kkontradixxiex lilu nnifsu jew qal affarijiet konfliġġenti.

Għalkemm huwa paċifiku li l-qorti jew tribunal għandhom joqgħodu fil-parametri tal-kawża skont kif dawn jirriżultaw mill-att promotur u mir-risposta, f'dan il-każ jirriżulta li oltre minn eċċezzjoni ta' natura ġenerali, jiġifieri li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda verżjoni minn tagħha. Għalhekk, it-Tribunal lanqas biss jaf x'inhi s-sustanza tal-verżjoni jew tal-pożizzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Meħud qies ta' dan kollu, it-Tribunal ma jemminx li għandu għażla ħlief li jakkolji t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif dedotti.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi skont l-Avviż tat-Talba u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma ta' erbat elef u seba' mija u għoxrin Ewro (€4,720) bl-imgħax kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi.

It-Tribunal jordna li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lil dik attriċi l-ispejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali 983/2020 u mal-mandat ta' sekwestru 69/2021 stante li l-eżistenza ta' tali atti ġiet debitament ippruvata.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**